MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 836/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Domenic Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Domenic Cuschieri detentur tal-karta tal-identita` numru 712161(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Awwissu 2014 u fil-granet ta' qabel din id-data gewwa l-hanut bl-isem ta' K & L Attard Co Ltd li jinsab Triq San Pawl, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi grossos ta' sigaretti ta' marki varji, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedieix l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Carmelo Attard u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur globali jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€2,329.24) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda estensiva u refrattarja.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri gew instigati b'rapport minn persuna fl-ghassa tal-Belt nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2014 li mill-hanut tieghu kienu insterqulu xi sigarretti. Wara li kien qeda' persuna, huwa dahal jahsel idejh u persuna mhux maghrufa dahlet fil-hanut u serqitlu ammont ta' bejn tlieta (3) u hames (5) grosos sigaretti. Huwa rraporta wkoll illi fil-gurnata ta' qabel din l-istess persuna maskili kienet giet ukoll u serqitlu aktar minn hames (5) grosos sigaretti. Il-kwerelant ipprovda deskrizzjoni tal-persuna li kienet serqet li kien liebes qalziet iswed u flokk abjad, kienet twila u kellha karnaggjon skur.

Dan il-kwerelant u cioe' **Carmelo Attard** xehed fil-hmistax (15) ta' Settembru 2014 fejn ikkonferma bil-gurament il-kwerela li kien ghamel mas-surgent PS 1521 Thomas Axiaq. Ix-xhud zied ukoll illi meta ra lill-halliel jiehu s-sigarretti minn gol-hanut tieghu li jismu Attard Co. Ltd., huwa ghajjatlu u dan telaq jigri u fil-mument waqghulu tliet (3) grosos sigaretti minn idejh. Ix-xhud gharaf lill-imputat Domenic Cuschieri bhala dak il-halliel li kien seraq is-sigaretti mill-hanut tieghu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu izda ma kienx ra l-persuna li kien seraq il-gurnata ta' qabel.

Xehed ukoll **Charles Difesa** li jahdem fuq il-monti tal-Belt u xehed illi ra lill-imputat ghaddej jghaggel fl-ahhar ta' Awwissu minn quddiemu u f'idejh kellu basket trasparenti b'xi grosos ta' sigaretti. Ftit wara gie sid il-hanut Attard u staqsieh jekk ftit qabel kienx ghadda xi hadd b'xi sigarretti u dan ikkonferma li kien ghadda minn hdejh.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-istqarrija tal-imputat li nnega kollox u li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in sostenn tad-difiza tieghu.

Ikkunsidrat ukoll illi l-provi ta' dan ir-reat kontra l-imputat huma ghal kollox skjaccanti in kwantu id-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2014 ghaliex dan kien inqabad fil-fatt u gharfu sid il-hanut, izda in kwantu ghad-dati tal-gurnata ta' qabel din il-Qorti hi kkonfortata mix-xhieda ta' Charles Difeza li kien ra lill-imputat ghaddej bis-sigarretti go basket tal-plastik anke jekk ma ftakarx il-gurnata ezatta. Fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu u cioe' meta gharfu il-parte civile, dan kien qal illi s-sigarretti kienu waqghulu mal-art u ma semmiex li kellu basket tal-plastik.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll u hadet in konsiderazzjoni l-addebitu tar-recidiva u li dejjem u b'mod konsistenti l-imputat jigi addebidat lilu reati ta' serq biex probabilment imantni il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 267, 279 (a) qed issib lill-imputat **Domenic Cuschieri** hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ghaxar (10) xhur filwaqt li ma ssibux hati tat-tieni (2) akkuza stante li hi alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------